# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 20 ta' Lulju 2020**

**Numru 12**

**Rikors numru 67/19 GM**

**Patrick Spiteri**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali, il-Kummissarju tal-Pulizija u r-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali**

**Il-Qorti:**

1. Fis-26 ta' April 2019 l-attur ippreżenta kawża kostituzzjonali fejn talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:-

> *"1. Tisma' din il-kawża bl-urġenza u takkorċja t-terminu għar-risposta tal-intimati;*
>
> *2.Tiddikjara illi, l-fatti fuq esposti inkluż id-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' Jannar 2019, 18 ta' Frar 2019 u 2 ta' April 2019 fil-proċeduri kriminali kumpilazzjoni numru 798/2008 jammontaw għal ksur jew aktarx jammontaw għal ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu u partikolarment tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*3.Konsegwentement tħassar u tirrevoka l-imsemmija digrieti tad-9 ta' Jannar 2019, 18 ta' Frar 2019 u 2 ta' April 2019 fil-proċeduri kriminali fuq imsemmija.*

*4. Tordna li kull referenza għall-ilment ta' Mario Somma titneħħa mill-proċess tal-kawża kriminali msemmija, inkluż billi tiġi sfilzata kull paġna tal-proċess li tagħmel referenza għal tali lment.*

*5. Tiddikjara li r-rogatorji meħuda fil-kors tal-istess proċeduri kriminali fl-assenza tal-esponenti għandhom jiġu sfilzati mill-atti proċesswali ta' dik il-kawża.*

*6. Tagħti kwalsiasi rimedju ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi a tenur tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tal-artikoli 13 u 41 tal-Konvenzjoni, u tal-artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea inkluż billi tiffissa dak il-kumpens li jidhrilha xieraq għall-vjolazzjonijiet fuq imsemmija".*

2. L-intimati wieġbu u taw ir-raġunijiet għalfejn it-talbiet tal-attur għandhom ikunu miċħuda.

3. B'sentenza tal-5 ta' Marzu 2020 l-ewwel Qorti ddeċidiet:-

*"Għal raġunijiet kollha premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:-*

*1) Tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunal u teħilsu mill-osservanza tal-ġudizzju.*
*2) Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju tal-Pulizija li din il-kawża tressqet intempestivament.*
3) *Tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent".*

4. B'rikors preżentat fis-6 ta' Mejju 2020, l-attur appella mis-sentenza bl-aggravji jkunu:-

*"1. Illi r-Reġistratur intimat huwa responsabbli għal mod skorrett kif tmexxew ir-rogatorji u jista' jkollu wkoll obbligu li jagħti rimedju lill-esponenti (fil-mod kif jipproċessa, iżomm jew jisfilza xi atti li hemm fil-proċess de quo).*

*2. Illi l-proċeduri meritu ta' dan l-appell qegħdin jitmexxew bi ksur tal-liġi in kwantu ma huwiex qed jiġi rispettat il-Law of Speciality.*

*3. Illi kull prova jew att li ma huwiex rilevanti għall-każ li qed titmexxa kontra l-esponenti għandha tiġi sfilzata u estromessa mill-proċess b'mod definittiv. Imputat ma jistax iressaq xhieda fl-għama jew b'dubju li xi dokumenti jew xi provi jistgħu jerġgħu jitfaċċaw meta ġja hemm qbil li ma humiex rilevanti.*

*4. Illi ma huwiex minnu li l-esponenti qatt irrinunzja b'xi mod għad-dritt li jitlob l-isfilz tax-xhieda mressqa bil-proċedura tar-rogatorji billi l-ġabra tagħha kienet irritwali.*

*5. Fir-rigward tad-dewmien il-punctum temporis sabiex jitkejjel it-tul tal-proċeduri ma huwiex is-sena 2008 iżda s-sena 2001.*

*6. Inoltre l-esponenti sofra minn vjolazzjoni ulterjuri meta minkejja li ġie lura fis-sena 2017 s'issa l-proċeduri għadhom ma tmexxewx.*

*7. Ser jintalab ukoll riferenza lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' kif għandu jigi trattat il-każ wara li intbagħat lura Malta"*.

5. Fir-rikors tal-appell l-attur talab lil din il-Qorti sabiex:-

*"(A) Tagħmel riferenza lill-Qorti ta' Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fit-termini fuq dedotti u ċioe' għal direzzjoni dwar kif għandha ssir ir-ridimensjonament ta' kawża wara ordni ta' ritorn maħruġ in konnessjoni ma' Mandat t'Arrest Ewropew;*

*(B) Tirriforma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Marzu 2020 fl-ismijiet premessi u dana billi filwaqt li tikkonfermaha nkwantu ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju tal-Pulizija li l-kawża tressqet intempestivament; tirrevokaha u tħassarha mill-bqija u minflok tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti, u tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u tagħti kull rimedju xieraq u opportun sabiex tissewwa b'mod definittiv kull leżjoni soffert mill-esponenti"*.

6. L-intimati wieġbu u taw ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

7. Il-Qorti rat ukoll l-atti tal-proċeduri kriminali li hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u li għaliha tirreferi l-kawża li dwarha tittratta din is-sentenza.

**<u>Fatti prinċipali li wasslu għall-kawża kostituzzjonali.</u>**

8. Fid-29 ta' Awwissu 2008 l-attur tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja bl-akkużi li fis-sena 2007 u s-snin ta' qabel, kien approprija ruħu u dawwar bi qligħ għalih jew għal persuna oħra, is-somma ta' iktar minn €2,329.37 għad-detriment ta' Peter u Patricia Clarke u Mario Somma. Akkuża oħra hi li għamel qligħ b'qerq fil-konfront tal-imsemmija persuni billi għamel falsifikazzjoni.

9. Kien hemm il-ħtieġa li jinġabru provi barra minn Malta bil-proċedura tal-ittri rogatorji. Waqt il-proċeduri kriminali, fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2010 l-uffiċjal prosekutur irtira l-ittri rogatorji.[1] L-attur qal li kien qiegħed jiġi notifikat bl-ittri rogatorji, u qal li ma kellux mistoqsijiet x'jagħmel bil-miktub *".... iżda jirriżerva li jkun preżenti għas-smigħ tax-xhieda flimkien mal-avukat difensur tiegħu"*.

10. Fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2012 l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li ma kellux iktar provi x'iressaq.

---

[1] Ara verbal a fol. 255 tal-kawża kriminali.

11. Mis-seduta tas-16 ta' Ġunju 2014 l-attur ma baqax jidher għas-seduti. Irriżulta li l-attur telaq minn Malta mingħajr l-awtorizazzjoni tal-Qorti. Lanqas ma jirriżulta li xi ħadd għan-nom tiegħu għarraf lill-Qorti fejn kien jinsab.

12. Fl-20 ta' Ottubru 2014 inħareġ mandat ta' arrest kontra l-attur sabiex jiġi estradit lura lejn Malta biex jitkompew il-varji proċeduri kriminali kontrih, fosthom dik meritu ta' din il-kawża.

13. B'deċiżjoni tat-30 ta' Settembru 2015 Qorti tal-Maġistrati fl-Ingilterra ordnat l-estradizzjoni tal-attur fost'affarijiet oħra fuq il-każ ta' Clarke. Pero` ċaħdet it-talba fir-rigward ta' Mario Somma. Fil-każ ta' Somma qalet: *"There is insufficient information as to when the alleged criminal conduct is said to have taken place in respect of the alleged criminal conduct relating to Mr Somma ONLY. As a result of this finding I am of the view that this warrant is s.2 deficient relating to that complaint and is to be considered void in respect of that allegation"* (fol. 28).

14. Kien biss fl-aħħar ta' Mejju 2017 li l-attur inġieb lura Malta u l-ewwel seduta kienet fil-31 ta' Mejju 2017. Wara dakinhar bdiet xita ta' talbiet min-naħa tal-attur permezz ta' rikorsi li jolqtu materji differenti. Wara li l-attur qabad u telaq bil-moħbi minn Malta waqt li l-proċeduri kriminali

għadhom pendenti kontrih, hu evidenti l-atteġġament ostruzzjonistiku tiegħu fil-kawża kriminali. L-appell stess mis-sentenza tal-ewwel Qorti tkompli ssaħħaħ il-fehma ta' din il-Qorti.

15. Waqt is-seduta tat-28 ta' Ġunju 2017 l-attur talab lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex in vista tad-deċiżjoni tal-qorti barranija, jinfirdu l-provi bejn il-każ ta' Somma u dak ta' Clarke. B'hekk il-prosekuzzjoni titkompla biss fuq il-każ ta' Clarke.

16. Fis-seduta tat-28 ta' Frar 2018 l-Assitent Kummissarju Ian Abdilla ikkonferma li l-akkużi numru 3 u 4 kienu jirreferu għal Mario Somma, u *"allura l-Qorti ma għandhiex tieħu konjizzjoni tagħhom f'dan l-istadju"*. Fl-istess seduta ġie dikjarat ukoll li, *"Il-Prosekuzzjoni u d-difiża f'dan l-istadju invista tad-dikjarazzjoni appena magħmula qed jaqblu li d-dokumenti indikati fin-nonta tal-imputat għandhom jiġu fiżikament estromessi mill-proċess u jitpoġġew ġewwa envelope li jinżamm xorta waħda fil-proċess"*.

17. B'digriet mogħti fid-9 ta' Jannar 2019 (fol. 38) il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali iddikjarat li sakemm ikun hemm tweġiba mingħand l-awtoritajiet Ingliżi dwar dik li fid-digriet irreferiet għaliha bħala *letter of consent*, ma kinitx ser tikkonsidra t-tielet u raba' imputazzjoni li jikkonċernaw il-kwistjoni dwar Mario Somma. Ordnat li temporanjament jitneħħew xhieda ta' Mario Somma u dokumenti

li kien ippreżenta flimkien mal-istqarrija li għamel l-attur dwar dak il-każ. B'dan li kellhom jibqgħu jitqiesu li huma parti mill-atti tal-proċeduri kriminali. Ikkonfermat li f'każ li l-awtoritajiet Ingliżi ma jagħtux tweġiba dwar il-*letter of consent* dwar l-ilment ta' Mario Somma, il-Qorti ma kinitx ser tikkonsidrahom fir-rigward tal-każ ta' Peter Clarke. Għal dak li jirrigwarda d-depożizzjoni tal-Assistent Kummissarju u ittri rogatorji u risposti, ma kinux ser jitneħħew mill-proċess. Pero` ikkonfermat li fl-eventwalita` li l-awtoritajiet Ingliżi ma jagħtux tweġiba dwar il-letter of consent, il-Qorti ma kinitx ser tikkonsidra dawk il-provi li jikkonċernaw l-każ ta' Somma. Fl-aħħarnet il-Qorti iddikjarat, *".... l-imputat qiegħed jiġi assigurat li sakemm is-sitwazzjoni ma tinbidilx, kif fuq indikat, hija prekluża milli tieħu konjizzjoni ta' xhieda u dokumenti li jirreferu għall-akkużi li ma jkunux mertu tal-proċeduri. Il-Qorti hi konxja ta' dan u se tosserva, kif dejjem tagħmel, tali prinċipju skrupolożament"*.

18. B'digriet ieħor tat-18 ta' Frar 2019 (fol. 43) wara r-rikors ieħor tal-attur, l-istess Qorti tat ordnijiet li jikkonċernaw dokumenti oħra li kien għad hemm fl-atti. Dan id-digriet hu relatat mad-digriet tad-9 ta' Jannar 2019.

19. B'digriet ieħor tat-2 ta' April 2019 wara rikors tal-istess attur sabiex il-Qorti tordna referenza kostituzzjonali minħabba dewmien eżaġerat fil-proċeduri kriminali kif ukoll li ma kienx preżenti meta inġabret xhieda bir-

rogatorji, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ċaħdet it-talba.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

**<u>L-ewwel aggravju.</u>**

20. L-attur ilmenta:

> *"Fl-ewwel lok, inkwantu jirriżulta li kien hemm nuqqas serju fil-mod li ġie pproċessat it-talba tar-rogatorji din hija imputabbli lir-Reġistratur intimat għaliex huwa responsabbli għall-proċess tat-teħid tal-istess: fil-fatt tul il-kawża irriżulta ampjament li lanqas il-prosekuzzjoni ma kienet infurmata bid-data li kienu ser isiru r-rogatorji, dan meta evidentement kienet ir-responsabbilta tar-Reġistratur li jara li l-partijiet jirċievu notifika jew tagħrif dwar l-istess. Hawnhekk il-vjolazzjoni effettivament irriżultat minħabba fatt li r-Reġistratur naqas li jagħmel xogħlu u jżomm il-partijiet infurmati bil-proċess tar-rogatorji".*

21. Fl-eċċezzjoni r-Reġistratur qal li mhuwiex il-leġittimu kontradittur.

22. L-ewwel Qorti qalet:

> *"Illi l-intimat Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali eċċepixxa li m'huwiex il- leġittimu kontradittur, u ċċita ġurisprudenza segwenti li din il-Qorti taqbel pjenament magħha:*
>
> *(1) "Kwantu ghall-appellat Registratur, Qrati Civili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-iċken dubbju li dan ma hux il-leġittimu kontradittur f'din il-kawza. Ir-Registratur ma jirrappreżentax lill-Qrati li l-operat taghhom ġie attakkat bir- rikors promotorju – anzi, bil-kontra, huwa jieħu l-ordnijiet mingħandhom skont il-liġi – u hu ma hux f'pożizzjoni li jagħti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'tiċċensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati".*
>
> *(2) "Hu ben saput li l-Gudikatura hija organu ndipendenti mill-Eżekuttiv u ma taqa' taħt ebda dipartiment governattiv, u hu f'dan is-sens, mela,*

*li jekk id- dewmien lamentat mir-rikorrent huwa attribwibbli għall- operat tal-Qorti, allura, ir-Registratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Ġudikant, ma jistax hawnhekk ikun leġittimu kontradittur".*

*(3) Ir-Registratur tal-Qrati m'għandux ir-rappreżentanza tal-Qrati u hu mhux persuna leġittima biex joqgħod f'kawża fejn jiġi allegat li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ġew vjolati bi proċeduri pendenti quddiem il-Qorti".*

23. Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li kawża ta' din ix-xorta issir kontra l-Gvern li hu rappreżentat mill-Avukat Ġenerali.

24. Fit-tieni lok mhemmx prova li r-Reġistratur kien b'xi mod involut fil-proċedura tar-rogatorji. Lanqas ma jirriżulta li l-liġi teżiġi li r-Reġistratur għandu xi dmir li personalment jagħmel kuntatt mal-awtorita`` estera u jġib l-appuntamenti. L-atti tal-proċess kriminali juru li l-ittri rogatorji intbgħatu barra minn Malta tramite l-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. Proċedura li dwarha ma saret l-ebda oġġezzjoni min-naħa tal-attur.

**<u>It-tieni u t-tielet aggravji – ir-regola ta' *rule of speciality*, sfilz ta' dokumenti u talba għal referenza lill-Qorti ta' Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.</u>**

25. L-ilment tal-attur hu li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li ma tneħħix kull riferenza għal Mario Somma fil-kawża kriminali, tikser l-obbligi ta' Malta taħt il-*European Arrest Warrant* b'liema intbagħat lura Malta u tikser il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq.

26. Dwar dan l-ilment l-ewwel Qorti qalet:-

> *"Illi din il-Qorti ma tarax kif l-allegat ksur tal-kundizzjonijiet tal-European Arrest Warrant isarraf fi ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq. Il-kwistjoni dwar jekk ġietx ivvjolata l-law of speciality hija materja tal-liġi penali, li għandu jiġi eżaminat mill-Qrati ta' kompetenza kriminali, u mhux minn din is-sede. Lanqas jirriżultalha li l-inkartament li hemm fil-proċess jista' jwassal għall-inċertezza fid-difiża, kif jallega r-rikorrent. Dan l-ilment għalhekk jirriżulta mingħajr bażi".*

27. Jibda biex jingħad li din il-Qorti ma taqbilx mal-mod kif l-ewwel Qorti ikkunsidrat dak l-ilment. Il-ksur tar-*rule of speciality* taf twassal ovvjament għal ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq. Fil-fehma tal-Qorti, kien id-dover tal-ewwel Qorti li tistħarreġ jekk kienx seħħ ksur tar-*rule of speciality* bid-digrieti li tat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

28. Paragrafu 27(2) tal-*Council Framework Decision* tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar *il-European arrest warrant and surrender procedures between Member States* jipprovdi:-

> *"2. Except in the cases referred to in paragraphs 1 and 3, a person surrendered **may not be prosecuted, sentenced or otherwise deprived of his or her liberty for an offence committed prior to his or her surrender other than that for which he or she was surrendered**".*

29. Ir-*rule of speciality* għandha l-għan li tipproteġi lill-persuna li ġiet estradita sabiex ma tiffaċċax prosekuzzjoni jew li jkollha tiskonta

sentenza fir-rigward ta' fatti kommessi qabel l-estradizzjoni, ħlief għal dawk li dwarhom saret l-estradizzjoni:

> *"In general, a person surrendered may not be prosecuted, sentenced or otherwise deprived of his or her liberty for an offence committed prior to the surrender other than that for which the person was surrendered. This is the rule of speciality, set out in Article 27 of the Framework Decision on EAW".*[2]

30. Fid-deċiżjoni estera li waslet sabiex l-attur jintbagħat lura Malta sabiex jitkomplew il-proċeduri kriminali kontrih, il-każ ta' Mario Somma kien espressament eskluż. Il-Westminster Magistrates Court fid-deċiżjoni tat-30 ta' Settembru 2015[3] li bih ordnat l-estradizzjoni tal-attur lura lejn Malta, qalet:-

> *"104...... There is insufficient information as to when the alleged criminal conduct is said to have taken place in respect of the alleged criminal conduct relating to Mr Somma ONLY. As a result of this finding I am of the view that this warant is s.2 deficient relating to that complaint and is to be considered void in respect of that allegation"*.

31. L-ordni tal-Qorti Ingliża hu ċar, għalkemm wieħed jista' jkollu riżervi dwar dik l-ordni meta tikkonsidra li qabel l-attur telaq minn Malta mingħajr l-awtorizazzjoni tal-Qorti, u għalhekk fir-realta` ġie li ħarab minn Malta irrispettivament minn dak li qiegħed isostni, kien hemm kontrih il-kawża kriminali f'Malta li tinkludi wkoll fiha r-rapport ta' Mario Somma. Il-Qorti tistqarr li l-ordni tal-Qorti Ingliża pjuttost turi atteġġament kontra l-ispirtu ta' koperazzjoni bejn qrati esteri ta' pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea.

---

[2] Notices From European Union Institutions, Bodies, Offices and Agencies. *Commission Notice – Handbook on how to issue and execute a European arrest warrant* (2017/C 335/01) paġna 18 (pubblikat fis-6 ta' Ottubru 2017).
[3] Fol. 28.

Ma kien hemm xejn x'iżomm lill-Qorti estera milli titlob tagħrif addizzjonali jekk kienet tal-fehma li kien hemm xi tagħrif supplimentari li seta' kien rilevanti biex tittieħed deċiżjoni mill-Qorti Ingliża (ara Artikolu 15(2) tal-Framework Decisions tal-2002). Wieħed irid jiftakar li l-*European Arrest Warrant* hi mibnija wkoll fuq il-kuntatt dirett bejn l-awtoritajiet kompetenti.

32. Madankollu fit-tweġiba li l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija ippreżentaw fl-ewwel Qorti, iddikjaraw espressament:-

> *"Matul il-mori tal-proċeduri kriminali inġabru xi provi li jappartjenu lil parte civile ċertu Mario Somma pero` irriżulta li r-rikorrent inġab Malta permezz tal-EAW mhux abbazi ta' Mari Somma* ***u għalhekk il-meritu tal-kawża li tirrigwarda lil Somma mhuwiex parti mill-proċedimenti kontra r-rikorrent Patrick Spiteri****".*

33. Fil-kawża kriminali stess, fis-seduta tat-28 ta' Far 2018 l-uffiċjal prosekutur iddikjara:-

> *"L-Assistent Kummissarju Ian Abdilla ħa konjizzjoni tan-nota datata 24 ta' Awwissu 2017 u jikkonferma tali talba.* ***Fid-dawl ta' dan il-Prosekuzzjoni tiġbed l-attenzjoni tal-Qorti li l-akkużi numru 3 u 4 jappartjenu ma' Mario Somma, allura l-Qorti ma għandhiex tieħu konjizzjoni tagħhom f'dan l-istadju****".*

34. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali stess fid-digriet tad-9 ta' Jannar 2019 għamlitha ċara li:-

> *"Illi fl-ewwel lok, sakemm ma jkunx hemm risposta mill-Awtoritajiet Ingliżi dwar il-letter of consent rigwardanti l-ilment ta' Mario Somma,* ***il-Qorti m'għandhiex tieħu konjizzjoni tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet addebitati lill-imputat inkwantu dawn l-imputazzjonijiet jirrigwardaw lil Mario Somma***
>
> *......*

> ***Il-Qorti f'dan l-istadju tirrileva li l-imputat qiegħed jiġi assigurat li sakemm is-sitwazzjoni ma tinbidilx, kif fuq indikat, hija prekluża milli tieħu konjizzjoni ta' xhieda u dokumenti li jirreferu għall-akkużi li ma jkunux mertu tal-proċeduri. Il-Qorti hija konxja ta' dan u ser tosserva, kif dejjem tagħmel, tali prinċipju skrupolożament***".

35. Dikjarazzjoni ċara iktar minn hekk diffiċli ssib. Saħansitra, diversi provi li għandhom x'jaqsmu mal-każ ta' Somma ġew sfilzati fuq ordni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

36. Għalhekk sakemm ma jkunx hemm xi żvilupp min-naħa tal-awtorita`` estera, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali diġa` għamlitha ċara li mhux ser tikkonsidra t-tielet u raba' imputazzjonijiet li jikkonċernaw l-ilment ta' Mario Somma. L-istess qalet dwar xhieda u dokumenti li għandhom x'jaqsmu mal-każ ta' Somma.

37. Fil-fehma tal-Qorti l-mod kif ipproċediet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hu raġonevoli, meta tikkonsidra li jidher li saret talba lill-awtoritajiet Ingliżi li fid-digriet il-Qorti tal-Maġistrati rreferiet għaliha bħala *letter of consent*. Il-Prosekuzzjoni ma qalitx taħt liema dispożizzjoni saret dik it-talba. Fil-fatt fis-seduta tal-31 ta' Lulju 2017 qalet biss:-[4]

> *"Il-Prosekuzzjoni tirrileva illi fuq dak li ġie miftiehem fl-aħħar seduta, il-Prosekuzzjoni avviċinat lill-Avukat Ġenerali u fil-preżent beda l-proċess biex tinħareġ dik li tissejjaħ letter of consent li għandha tintbagħat lill-Awtoritajiet Ingliżi abbażi tas-sentenza eżebita, rigwardanti l-każ ta' Mario Somma"*.

[4] Fol. 1082 tal-kawża kriminali **Il-Pulizija vs Patrick Spiteri** (798/2008).

38. F’kull każ mhemmx provi li effettivament saret talba f’dak is-sens minkejja li fil-verbal tas-seduta jingħad li, *“..... il-Qorti għandha tiġi nformata fuq dak li jirriżulta eventwalment mir-risposta mibgħuta mill-Awtoritajiet Ingliżi”*.

39. Ikun hemm ksur tar-*rule of speciality* jekk l-attur jiġi pproċessat, sentenzjat jew imċaħħad il-liberta’ fir-rigward tal-każ ta’ Mario Somma. Pero` bħalissa żgur mhuwiex jiġi proċessat fir-rigward tal-każ ta’ Somma tant hu hekk li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali ordnat l-isfilz ta’ provi u dokumenti li għandhom x’jaqsmu ma’ dak il-każ.

40. Meħud in konsiderazzjoni ta’ dak li ntqal hawn fuq b’mod partikolari d-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni u iktar importanti tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, fil-fehma tal-Qorti bħalissa żgur li mhemmx periklu li l-attur ser jiġi ssentenzjat u mċaħħad mil-liberta` minħabba l-każ ta’ Somma. Għaldaqstant, mhemmx ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq.

41. L-attur ilmenta li hemm ksur tad-dritt għal smigħ xieraq minħabba l-fatt li fil-proċess tħallew dokumenti li għandhom x’jaqsmu mal-każ ta’

Somma, inkluż dokumenti li intbgħatu minn barra fil-proċedura tar-rogatorji.

42. Fid-digriet tad-9 ta' Jannar 2019 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, diġa ddeċidiet li dawk id-dokumenti li għandhom x'jaqsmu mal-każ ta' Mario Somma, mhijiex ser teħodhom in konsiderazzjoni meta tiddeċiedi dwar l-akkużi li hemm fir-rigward tal-ilment ta' Clarke. L-istess qalet fir-rigward tal-mitoqsijiet u tweġibiet li ingħataw fil-proċedura tar-rogatorji li jistgħu jkunu jirreferu għall-każ ta' Somma. Fil-fehma tal-Qorti l-fatt waħdu li dawk id-dokumenti għadhom fl-atti, mhuwiex jikser il-jedd għal smigħ xieraq tal-attur. Dokumenti li wara kollox kienu qegħdin fl-atti u ċertament kienu rilevanti għall-każ sakemm, wara li r-rikorrent qabad u telaq minn Malta mingħajr permess, ingħata d-digriet mill-Qorti estera li ordnat l-estradizzjoni tal-attur lura lejn Malta.

43. Il-fatt waħdu li fil-proċess għad hemm dokumenti li jirreferu għall-każ ta' Somma ma jfissirx li l-attur mhuwiex jingħata smigħ xieraq. Il-Qorti tal-Maġistrati diġa` għamlitha ċara li mhux ser tieħu konjizzjoni tat-talbiet (it-tielet u r-raba' talba) relatati mal-każ ta' Somma. Dwar dan hemm qbil mill-Prosekuzzjoni u l-Avukat Ġenerali.

44. Wieħed irid jiftakar ukoll li għal finijiet ta' ksur ta' smigħ xieraq, wieħed irid jeżamina l-proċeduri as *a whole*. Fis-sentenza **Tepel v. The Czech Republic** tal-25 ta' Ġunju 2020, il-QEDB reġgħet ikkonfermat li:-

> *"Compliance with the requirements of a fair trial must thus be examined in each case, having regard to the development of the proceedings as a whole, and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be ruled out that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings (see Beuze v. Belgium [GC], no. 71409/10, § 121, 9 November 2018)".*

45. Il-fatt li ma jiġix sfilzat dokument mill-atti ta' kawża li jaf ma jkunx rilevanti għall-eżitu finali tal-każ, b'daqshekk ma jfissrix li l-imputat ikun sofra ksur ta' smigħ xieraq. Ovvjament ikun differenti jekk per eżempju l-akkużat jinstab ħati a bażi biss ta' dokument li ma jkunx rilevanti għall-każ.

46. Sal-lum għadu ma inbidel xejn mill-pożizzjoni li ħadet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, cioe` li mhux ser tikkonsidra u tiddeċiedi l-akkużi dwar il-każ ta' Somma, *"..... sakemm ma jkunx hemm risposta mill-Awtoritajiet Ingliżi dwar il-letter of consent rigwardanti l-ilment ta' Mario Somma"*. L-istess fir-rigward ta' dokumenti li jistgħu jkollhom x'jaqsmu mal-każ ta' Somma u li tħallew fil-proċess.

47. Ovvjament ser jiġi stadju fil-proċeduri kriminali, qabel l-imputat jagħlaq il-provi tiegħu, fejn ma jistax jibqa' jkun hemm il-possibilita` li l-Prosekuzzjoni terġa' tagħti ħajja lill-każ ta' Somma f'din il-kawża.

48. Minkejja dak li ddikjara l-uffiċjal prosekutur fis-seduta tal-31 ta' Lulju 2017 li:-

> *"...... l-Prosekuzzjoni avviċinat lill-Avukat Ġenerali u fil-preżent beda l-proċess biex tinħareġ dak li tissejjaħ letter of consent li għandha tintbgħata lill-Awtoritajiet Ingliżi abbażi tas-sentenza esebita, rigwardanti l-każ ta' Mario Somma....... il-Qorti għandha tiġi nformata fuq dak li jirriżulta eventwalment mir-risposta mibgħuta mill-Awtoritajiet Ingliżi"*;

sal-lum ma jirriżultax li l-prosekuzzjoni tat xi tagħrif f'dak ir-rigward. Fil-fatt mill-atti lanqas biss ma jirriżulta li ġiet preżentata t-talba li suppost saret lill-awtorita`` u lanqas ġie spjegat a bażi ta' liema dispożizzjoni kellha ssir it-talba. Minn dakinhar għaddew kawżi tliet snin. Fil-fehma tal-Qorti tliet snin altru milli kien żmien biżżejjed sabiex il-Prosekuzzjoni tagħmel it-talba lill-awtorita` kompetenti fl-Ingilterra, u tingħata tweġiba dwarha.

49. Il-Qorti tifhem li l-attur jagħżel li ma jagħlaqx il-provi tiegħu qabel:-

i. il-Prosekuzzjoni tagħti tweġiba definittiva dwar il-każ ta' Somma b'referenza għal dak li vverbalizzat fis-seduta tal-31 ta' Lulju 2017; jew

ii. il-Qorti tal-Maġistrati tikkonferma li jiġri x'jiġri dwar it-talba li l-Prosekuzzjoni suppost għamlet lill-awtoritajiet kompetenti fl-Ingilterra, f'dan il-każ mhijiex ser tiddeċiedi dwar it-tielet u raba' akkużi.

50. Fil-fehma ta' din il-Qorti ikun għalhekk floku li f'dan l-istadju l-Qorti tal-Maġistrati tinsisti li l-Prosekuzzjoni tagħti tweġiba definittiva mingħajr iktar dewmien, dwar dak li fis-seduta tal-31 ta' Lulju 2017 irreferiet għalih bħala *'letter of consent'*. Pero` b'daqshekk ma jfissirx li hemm ostakolu sabiex l-attur iressaq il-provi li jista' għandu dwar il-każ ta' Clarke.

51. Minkejja dak li għadu kif intqal, il-Qorti tibqa' tal-fehma li għalkemm fil-proċess hemm dokumenti li għandhom x'jaqsmu mal-każ ta' Somma ma jwassalx għal nuqqas ta' smigħ xieraq.

**<u>Talba għal referenza lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.</u>**

52. L-attur talab lil din il-Qorti sabiex tordna referenza lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea sabiex tikkonferma:

> *"(a) l-Qrati Nazzjonali huma limitati sabiex jikkunsidraw biss dawk l-akkużi għal liema nħareġ ordni ta' ritorn wara l-EAW; u*
>
> *(b) li għalhekk fejn ġja hemm proċeduri pendenti b'dawk l-akkużi u oħrajn dawk il-proċeduri għandhom jiġu ridimensjonati b'mod definittiv sabiex jitneħħew l-akkużi li twarrbu fl-ordni ta' ritorn"*.

53. L-artikolu 267 tat-*Treaty on the Functioning of the European Union* (TFUE) igħid illi referenza preliminari tista', quddiem qorti jew tribunal, issir meta tqum kiwstjoni dwar l-interpretazzjoni tat-Trattati jew dwar il-validita` jew l-interpretazzjoni ta' atti tal-istituzzjonijiet, korpi jew organi tal-Unjoni.

54. Fil-każ in eżami l-mandat ta' arrest li kien inħareġ kontra l-attur fiż-żmien li kien telaq minn Malta, kien bażat fuq Part III tal-*Extradition (Designated Foreign Countries) Order* (Leġislazzjoni Sussidjarja 276.05), li f'paragrafu 66 tipprovdi:

> *"66.(1) This article applies if a person is extradited to Malta from a scheduled country in pursuance of a Part III warrant.*
>
> *(2) The person may be dealt with in Malta for an offence committed before his extradition only if -*
>
> *(a) the offence is one falling within subarticle (3), or*
> *(b) the condition in sub-article (4) is satisfied.*
>
> *(3)The offences are -*
>
> *(a) the offence in respect of which the person is extradited;*
> *(b) an offence disclosed by the information provided to the designated country in respect of that offence;*
> *(c) an extraditable offence in respect of which consent to the person being dealt with is given on behalf of the scheduled country;*
> *(d) an offence which is not punishable with imprisonment or another form of detention;*
>
> *(e) an offence in respect of which the person will not be detained in connection with his trial, sentence or appeal;*
>
> *(f) an offence in respect of which the person waives the right that he would have (but for this paragraph) not to be dealt with for the offence"*.

55. Fil-fehma tal-Qorti t-talba tar-rikorrent hi għal kollox fiergħa u jekk tintlaqa' tkun tfisser iktar telf ta' żmien. Il-liġi nazzjonali hi ċara u mhemm l-ebda ħtieġa ta' referenza preliminari.

56. L-ewwel mistoqsija li l-attur irid li din il-Qorti tirreferi lill-Qorti Ewropea diġa` ingħata tweġiba għaliha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Tweġiba li hi favur l-attur. Il-Qorti għamlitha ċara li ser tikkonsidra biss dawk l-akkużi li jirrelataw għall-każ ta' Clarke. Dwar dan hemm qbil min-naħa tal-Prosekuzzjoni. Din il-Qorti m'għandhiex tara jekk dik hi l-pożizzjoni legali korretta skont l-imsemmija dispożizzjoni. Dik hi materja li taqa' fil-kompetenza tal-qorti li quddiemha hemm il-proċeduri kriminali, u dik il-Qorti diġa ddeċidiet x'għandu jsir. Mhuwiex il-kompitu tal-Qorti Kostituzzjonali li tistħarreġ dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali dwar il-pożizzjoni li ħadet dik il-Qorti.

57. Għal dak li jirrigwarda dak li l-attur jirreferi għalih bħala ridimensjonament ta' akkużi *"... sabiex jitneħħew l-akkużi li twarrbu fl-ordni ta' ritorn"*, hu evidenti li l-Prosekuzzjoni u l-Avukat Ġenerali qegħdin jaqblu li l-kawża kriminali bħalissa għandha x'taqsam mal-każ ta' Clarke u mhux ta' Somma. Jekk is-sitwazzjoni tibqa' dik li hi bħalissa, hu ovvju li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ser tiddeċiedi biss dwar il-każ ta' Clarke u xejn iktar. Dan diġa` għamlitu ċar

fid-digrieti fuq imsemmija. Tant hu hekk li ordnat li jitneħħew mill-atti provi li jirreferu għall-każ ta' Somma, pero` bir-riżerva minħabba r-raġuni li diġa` issemmiet. In vista tal-pożizzjoni li ħadet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, bħalissa l-provi li għandu jressaq l-attur huma dawk li għandhom x'jaqsmu mal-każ ta' Clarke u xejn iktar. L-eżerċizzju li l-attur jippretendi li għandu jsir permezz ta' referenza preliminari, għandu jsir mill-qorti li quddiemha qiegħda l-kawża kriminali **Il-Pulizija v. Patrick Spiteri** u żgur mhux il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

**<u>Ir-raba' aggravju – il-proċedura tar-rogatorji.</u>**

58. L-attur jilmenta minn ksur tad-dritt għal smigħ xieraq minħabba li ma kienx infurmat bid-data, ħin u lok tas-seduti li fihom kienu imwieġba d-domandi li saru permezz ta' ittri rogatorji. L-attur jikkontesta l-konklużjoni tal-ewwel Qorti li kien irrinunzja għad-dritt li jattendi għas-seduti barra minn Malta. Isosnti li m'għandux obbligu li jikkopera mal-pulizija u għalhekk ma kellu l-ebda obbligu li joġġezzjona *a tempo vergine*. Kompla:

> *"La darba kien evidenti f'dak l-istadju li r-rogatorji kienu nżammu b'mod null il-prosekuzzjoni setgħet, u kellha obbligu:*
>
> *(a) "Jew titlob li r-rogatorji jinstemgħu mill-ġdid u korrettament sabiex titneħħa n-nullita; jew*
> (b) *"Titlob espressament lill-imputat (l-appellanti) sabiex jiddikjara jekk kienx ser jirrinunzja jew le għad-dritt li jitlob l-isfilz tax-xhieda u b'hekk tissewwa d-difett fihom"*.

59. L-ewwel Qorti qalet:-

*"Illi mhux ikkontestat li l-imputat irreġistra t-talba tiegħu biex ikun preżenti waqt is-smigħ tar-rogatorji; u li ma ġiex avżat bid-data tas-smigħ tar-rogatorji, kif lanqas ma ġiet avżata l-prosekuzzjoni. Għalhekk bħala fatt jirriżulta li huwa ġie mpedut milli jkun preżenti waqt l-eżami tax-xhieda mismugħin bir-rogatorji. Huwa ovvju li ma setax ikun preżenti jekk ma kienx jaf bid-data tas-smigħ. B'danakollu, fil-fehma tal-Qorti, ir-rikorrent irrinunzja b'mod ċar u inekwivoku għal dan il-jedd, anke jekk għamel dan biss wara li r-rogatorji kienu diġa` saru. Dan billi:*

*"(i) Meta ġie a konjizzjoni tad-depożizzjonijiet rogatorjali, huwa ma rreġistra l- ebda oġġezzjoni fir-rigward tal-mod kif saru fl-assenza tiegħu.*

*"(ii) f'dak l-istadju lanqas ma talab li jagħmel kontro-eżami a tempo vergine. Dritt li qatt ma nċaħadlu u li għadu miftuh u għad-dispożizzjoni tiegħu anke llum. Fil- 25 ta' Awwissu 2017 ir-rikorrent talab speċifikament permess mill-Qorti biex iħejji domandi in kontro-eżami fl-ittri rogatorji liema talba ġiet milqugħa għalkemm m'għamel xejn minn dan.*

*"(iii) Fis-seduta tal-14 ta' Ġunju 2017 ir-rikorrent eżenta lill-Qorti li terġa' tisma' x-xhieda kollha mill-ġdid;*

*"Illi proċessi penali magħmulin in absentia, permessi f'ċerti pajjiżi Ewropej, jistgħu ma jkunux inkompatibbli mal-Konvenzjoni kemm-il darba l-akkużat ikollu l-possibilita` ta' smigħ mill-ġdid tal-kawża. Barra minn hekk, l-evalwazzjoni jekk sarx ksur tad-dritt tas-smigħ xieraq "it must be examined whether the applicant was given an opportunity to challenge the authenticity of the evidence and to oppose its use". Fil-fehma ta' din il-Qorti, b'analoġija mas- suespost, id-dritt tal-imputat li jkun preżenti huwa sodisfatt, anke taħt l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni, kemm-il darba ma jiġix imċaħħad mid-dritt għall-kontro-eżami. Jekk l-assenza ta' akkużat minn proċedura penali sħiħa tista' tiġi ssanata billi jsir proċess gdid, multo magis tistal-assenza tar-rikorrent fir-rogatorji tiġi ssanata bil-possibilita` li jagħmel il-kontro-eżamijiet. Huwa sinifikanti li fil-każ ta' P.V. vs Republic of Germany ċċitat mir-rikorrent f'para. 39 tan-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu (fol 306) l-assenza tal-imputat waqt ir-rogatorji instabet li kienet bi ksur tal-jedd fundamentali tas-smigħ xieraq anke għaliex l-akkużat ma kellux l-opportunita` li jagħmel kontro-eżami";*

*"Illi r-rikorrent jargumenta li jekk jagħmel il-kontro-eżamijiet issa, dawn jistgħu ma jkunux effettivi billi l-persuni kkonċernati jistgħu ma jinstabux u d-dokumenti relattivi jistgħu ma ġewx ippreżervati jew mhumiex disponibbli iktar. B'danakollu, imputet sibi. Il-mogħdija taż-żmien ma*

*tistax tissufraga lir- rikorrent billi dan seta' talab li jsiru l-kontro-eżamijiet a tempo vergine appena rċieva d-depożizzjonijiet meħudin permezz tar-rogatorji;*

60. L-Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi:

*"Everyone charged with a criminal offence has the following minimum rights:*
*.....*
*"(d)To examine or have examined witnesses against him and to obtain the attendance and examination of witnesses on his behalf under the same conditions as witnesses against him"*.

61. Fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2010 stess kien ġie verbalizzat li l-attur *"...... jirriżerva li jkun preżenti għas-smigħ tax-xhieda flimkien mal-avukat difensur tiegħu"*. Iżda jirriżulta li ma kienx avżat bid-data, ħin u lok tas-seduti. L-istess jidher li ġara lill-Prosekuzzjoni. Ovvjament l-avviż kellu jingħata mill-awtorita` kompetenti estera.

62. Fis-sentenza **Monika Haas v. Germany** (numru 73047/1) tas-17 ta' Novembru 2005, il-QEDB qalet:-

*"All evidence must normally be produced in the presence of the accused at a public hearing with a view to adversarial argument. There are exceptions to this principle, but they must not infringe the rights of the defence.* ***As a rule, these rights require that the accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either when he makes his statement or at a later stage of the proceedings*** *(see, amongst others, Solakov v. the Former Yugoslav Republic of Macedonia, no. 47023/99, § 57, ECHR 2001-X; P.S. v. Germany, no. 33900/96, § 21, 20 December 2001). Where a conviction is based solely or to a decisive degree on depositions that have been made by a person whom the accused has had no opportunity to examine or to have examined, whether during the investigation or at the trial, the rights of the defence are restricted to an extent that is incompatible with the guarantees provided by Article6 (see, among many others, Saïdi v. France, judgment of 20 September 1993, Series A no. 261-C, pp. 56-57, § 44; Lucà, cited above, § 40; Sadak, cited above, § 65; Solakov, cited*

*above, § 57; Calabrò v. Italy and Germany (dec.), no. 59895/00, ECHR 2002-V)".*

63. Mill-atti jirriżulta li l-ittri rogatorji kienu preżentati fil-proċeduri kriminali, u fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2010 l-attur kien notifikat bl-istess.[5] Saħansitra kien preżenti għas-seduti meta ġew preżentati t-tweġibiet li ntbagħtu mill-esteru għad-domandi li saru bil-proċedura ta' ittri rogatorji. Hekk per eżempju fis-seduta tal-4 ta' April u 23 ta' Mejju 2011.

64. Madankollu kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, fis-seduta tal-25 ta' Awissu 2017 fil-kawża kriminali, ġie vverbalizzat hekk:-

*"Dr S Filletti għall-imputat jitlob il-permess tal-Qorti sabiex iħejji domandi in kontro-eżami fl-ittri rogatorji li diġa ġew esebiti fuq talba tal-Prosekuzzjoni, l-imputat jirreferi wkoll għat-talba tiegħu a tempo vergine li jingħata l-fakulta ta' kontro-eżami fl-istess ittri rogatorji.*

*L-Assistent Kummissarju jirrimetti ruħu.*

*Il-Qorti tilqa' t-talba u tagħti l-permess mitlub"*.

65. Din kienet għażla libera tal-attur. Talab il-permess lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex tawtorizzah jagħmel kontro-eżami tax-xhieda li nstemgħu bil-proċedura tal-ittri rogatorji. Dikjarazzjoni li għamel minn jeddu u mingħajr ebda riżerva. Ma jistax issa jilmenta li ma kellux smigħ xieraq għaliex ma kienx avżat meta kellha ssir is-seduta in konnessjoni mal-ittri rogatorji. L-attur ilu s-snin jaf

[5] ara fol. 261 tal-proċess tal-kawża kriminali.

li ma kienx avżat bid-data, ħin u lok tas-seduta relatata mal-ittra rogatorji. Mill-atti jirriżulta li l-proċedura ta' ittri rogatorji intużat f'diversi ġurisdizzjonijiet (Ġinevra, Guernsey, Jersey, Channel Islands u Renju Unit). L-Avukat Ġenerali ppreżenta l-atti relattivi fil-perjodu bejn l-4 ta' April 2011 u t-30 ta' April 2012. Fil-fatt fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2012 il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha, u minn dakinhar il-kawża bdiet tkun differita għall-provi tal-attur.

66. L-attur baqa' sieket u saħansitra fis-seduta tal-25 ta' Awwissu 2017 talab lill-Qorti tagħtih il-permess sabiex jagħmel il-kontro-eżami għad-domandi li saru bil-proċedura tal-ittri rogatorji. Dikjarazzjoni li fiha nnifisha turi li ma kellu l-ebda oġġezzjoni għal dik il-prova minħabba li ma kienx avżat bid-dati tas-seduti. It-talba li saret mid-difensur ta' fiduċja tiegħu hi fiha nnifisha dikjarazzjoni ċara li ma kienx hemm oġġezzjoni għall-ammissibilita` tal-prova għar-raġuni li l-attur ma kienx avżat bid-dati meta saru s-seduti rispettivi fil-ġurisdizzjonijiet esteri li fihom intużat il-proċedura tal-ittri rogatorji. Kieku l-attur kellu oġġezzjoni minħabba l-fatt li ma kienx preżenti, ma kienx jitlob il-permess tal-Qorti sabiex jagħmel il-kontro-eżamijiet. Dan għandu jkun ovvju għal kulħadd.

67. Fir-rikors tal-appell l-attur kompla:-

> *"Apparti dan wieħed irid jistaqsi kemm seta' kien konxju l-appellanti u l-avukat difensur tiegħu tan-nullita` tar-rogatorji fi żmien meta ntalba eżenzjoni: jirriżulta li fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2017 l-avukat difensur tal-appellanti fil-proċeduri kriminali kien għadu kif assuma l-patroċinju*

> *tal-imputat appellanti: gimgħatejn wara ntalab jiddikjara kienx qed jeżenta l-Qorti milli tisma' x-xhieda mill-ġdid. Tenut kont li dawn il-proċeduri huma mdaqqsa u li dak iż-żmien l-imputat appellanti kien il-ħabs ma huwiex ġustifikat jew leċitu li jitpoġġa responsabbilta' fuq l-avukat patroċinati tal-imputat li deċiżjoni daqshekk affrettata (fejn imbagħad il-prosekuzzjoni dejjem baqgħet titlajja) titqies li twassal għal assoluzzjoni għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti"*.

68. Fil-fehma tal-Qorti dan l-argument għandu mill-inkredibbli meta tikkonsidra:

i. L-attur kien jaf li saret il-proċedura tal-ittri rogatorji minkejja li ma kienx avżat bid-data tas-seduta meta nstemgħu x-xhieda. Wieħed irid jiftakar ukoll li l-attur hu avukat u iktar minn hekk kien assistit minn avukat. L-attur ilu snin jaf li saru provi bil-mezz ta' rogatorji.

ii. L-attur kien ukoll preżenti meta ġew preżentati d-dokumenti li l-Avukat Ġenerali irċieva minn barra minn Malta bi tweġiba. Hawn ukoll ma saret l-ebda oġġezzjoni mill-attur għal fatt li ma kienx avżat meta kellhom jinġabru dawk il-provi (ara per eżempju verbal tas-seduta tal-4 ta' April 2011). Jekk l-attur verament ried li jattendi jew ried li ħaddieħor jattendi minfloku, li minnufih jattira l-attenzjoni tal-Qorti li ma kienx irċieva avviż dwar dak li sar fil-proċedura tar-rogatorji tal-Isvizzera. Minflok ma qal xejn u dak li seħħ fil-każ tal-Isvizzera reġa' seħħ fir-rigward tal-proċedura tal-ittri rogotarji l-oħra li saru f'pajjiżi oħra, bl-attur jibqa' sieket. Din mhijiex kwistjoni li imputat m'għandux obbligu li jikkopera mal-Prosekuzzjoni. Ma jistax imputat waqt proċess kriminali jibqa' passiv għal kull ma jsir

quddiemu, u mbagħad jippretendi li jieħu benefiċċju min-nuqqasijiet tiegħu stess.

iii. L-attur kien preżenti għas-seduta tal-25 ta' Awwissu 2017. Dak dikjarat fis-seduta tal-25 ta' Awwissu 2017 hu ferm rilevanti. Sa dakinhar id-difensur tal-attur, li fil-verbal tas-seduta tal-31 ta' Mejju 2017 iddikjara li kien għadu kif assuma l-patroċinju tal-attur, altru milli kellu biżżejjed żmien sabiex jeżamina l-proċess tal-kawża kriminali. Id-dikjarazzjoni li għamel fis-seduta tal-25 ta' Awwissu 2017 hi fiha nnifisha konferma li kien jaf x'hemm fl-atti.

69. L-attur argumenta li n-nuqqas ta' proċedura ma jista' qatt jissana l-ksur tal-jedd fundamentali għas-smigħ xieraq. Pero` jibqa' l-fatt li hu nnifsu talab il-permess tal-Qorti sabiex jagħmel kontro-eżami tal-persuni li xehdu bil-proċedura tar-rogatorji. Min irid joġġezzjona għall-ammissibilita` ta' prova ma jitlobx permess lill-Qorti sabiex jagħmel kontro-eżami ta' xhieda.

70. L-argumenti tal-atturi jinkludu referenza għas-sentenza **P.V. v. Federal Republic of Germany** (numru 11853/85) tat-13 ta' Lulju 1987. Pero` f'dik is-sentenza l-Kummissjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem qalet:-

*"c) The applicant finally complains that the Augsburg Regional Court essentially based its judgment on the testimony of C who was never examined in this court and whom the applicant or his defence counsel could not directly examine in court.*

*"The Commission recalls that Article 6 para. 3 (d) (Art. 6-3-d) of the Convention does not grant the accused an unlimited right to secure the appearance of witnesses in court. Its purpose is rather to ensure equality between the defence and the prosecution as regards the summoning and examining of witnesses (cf. e.g. No. 4428/70, Dec. 1.6.72, CD 40 p. 1[8]; No. 8417/78, Dec. 4.5.79, D.R. 16 p. 200 [207]). It does not exclude that witnesses residing abroad whose presence at the trial cannot be enforced by the trial court are examined on commission by a court at their place of residence. This is a well-established practice provided for in numerous bilateral and multilateral international conventions. Its very purpose is to assure to the greatest possible extent the availability of evidence which cannot be collected otherwise.*

*"**It is true that in the present case neither the applicant himself nor his defence counsel were informed of the date of C's examination in Izmir and that they could not therefore be present during his examination and put questions to him.** The Commission notes that no representative of the Augsburg Public Prosecutor's Office (Staatsanwaltschaft) was present either. In any event, assuming that the Turkish law provides for the presence of the accused or his defence counsel at the examination of a witness on commission, the German authorities cannot be held responsible for the non-observance of provisions of the Turkish law by a Turkish court (cf. the analogous situation in No. 5049/71, Dec. 5.2.73, CD 43 p. 38 [42]). Moreover, the Commission notes that the Augsburg Regional Court in its letters rogatory expressly requested the Turkish authorities to inform it of the date of C's examination on commission. **Furthermore, Article 6 para. 3 (d) (Art. 6-3-d) does not require that the defence must always have the opportunity of directly examining a witness. According to this provision, the accused has the right to examine "or have examined" witnesses. The Commission finds that this requirement is not only complied with if the accused or his defence counsel have the opportunity of putting questions to the witnesses themselves, but also if they can request that certain questions are put to the witness by the court. Especially, this holds true if witnesses are to be examined on commission (cf. No. 5049/71, supra, p. 43)**".*

71. Fil-każ in eżami mhuwiex ċar jekk l-awtoritajiet esteri kinux informati sabiex javżaw lill-Prosekuzzjoni u lill-attur meta ser isiru seduti

biex jinstemgħu x-xhieda. Dan peress li ma ġewx preżentati t-talbiet li l-Avukat Ġenerali bħala l-awtorita`` kompetenti għamel lill-awtoritajiet esteri.

72. Il-Qorti pero` tosserva kif il-Prosekuzzjoni ma ħaditx xi vantaġġ fuq l-attur, meta tikkonsidra li lanqas hi ma kienet preżenti. Dan apparti li kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, l-attur xorta għad għandu l-opportunita` tal-kontro-eżami. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali stess f'digriet tat-2 ta' April 2019 ikkonfermat li, *"L-imputat għadu fl-istadju li jagħmel mistoqsijiet in kontro-eżami lill-istess xhieda kif iddikjara li kien se jagħmel u dan sabiex jirribatti jew jivverifika l-provenjenza tad-dokumentazzjoni eżebita"*. Dritt li qegħdin jirrikonoxxu wkoll l-appellati li fit-tweġiba qalu:

> *"Jerġa' jingħad li l-kawża kriminali għadha fi stadju ta' provi difiża u l-appellant għandu kull dritt li jitlob u li jingħata l-opportunita` li jikkontrolla u jirribatti kwalunkwe prova u xhieda li ġew prodotti liema dritt qatt ma ittiefes u għadu hemm"*.

73. Il-Qorti żżid li fil-każ tal-proċeduri ta' ittri rogatorji li saret f'Douglas, Isle of Man ma jirriżultax li saret xi seduta fejn xehed xi ħadd. Minn dak li fehmet mill-atti tal-proċess kriminali, ix-xhud ippreżentat dikjarazzjoni bit-tweġibiet għad-domandi li sarulha. Dikjarazzjoni stampata fuq *letterhead* ta' Barclays Wealth li hi taqsima tal-Barclays Bank plc. Ikkonfermat l-istess quddiem *high bailiff* (uffiċjal tal-Qorti) fil-31 ta' Marzu 2011. Hekk ukoll fil-każ ta' Jersey (Channel Islands) ma jirriżultax li nstemgħu xhieda,

iżda biss li nġabru dokumenti. Dawn mhumiex każijiet fejn jirriżulta li qrati esteri appuntaw seduta għas-smigħ u ġudikant qatt jistaqsi domandi lix-xhud. Imbagħad fil-każ tar-Renju Unit, jirriżulta li fil-11 ta' April 2012 ix-xhud (John Newbegin) għamel statement quddiem Maġistrat tal-Westminister Maġistrates Court, fejn sempliċement wieġeb fil-qasir ħafna għad-domandi li saru minn Malta u minn fejn jista' jingħad li ma rriżulta xejn rilevanti għall-każ in eżami. Hu fil-każ tal-ittri rogatorji mibgħuta l-Isvizzera fejn jidher li fit-28 ta' Frar 2011 fis-2.30 pm saret seduta u fiha xehed Daniel Treves. Pero` apparti l-fatt jekk minn dik id-depożizzjoni rriżultax tagħrif li hu rilevanti għall-każ ta' Clarke, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali diġa` qalet li hemm id-dritt ta' kontro-eżami.

**<u>Il-ħames u s-sitt aggravji – dewmien fil-proċeduri kriminali.</u>**

74. Dan l-aggravju jirreferi għall-ilment tal-attur dwar dewmien mhux raġonevoli tal-proċeduri kriminali. Isostni li l-*punctum temporis* kien mis-sena 2001 meta saru diversi interrogatorji minn pulizija tal-Economic Crimes Unit u xehed f'inkjesta li kienet qiegħda ssir minn Maġistrat Inkwirenti. Kompla:-

> *"Illi għalhekk mis-sena 2001 sas-16 ta' Lulju 2012, meta l-prosekuzzjoni kienu iddikjaraw li għalqu l-provi tagħhom kienu għaddew ben għaxar snin: f'dak il-perjodu kollu l-prosekuzzjoni ġabru x-xhieda bil-proċedura tar-rogatorji b'mod skorrett".*

75. L-ewwel Qorti qalet:-

> *"Fil-każ preżenti, ir-rikorrent ma ppruvax li kien jaf li kien qiegħed jiġi investigat qabel ma saru l-akkużi formali kontrih fit-2008. Għalhekk id-dies a quo għandha tkun dik id-data, u mhux qabel;*
>
> *"Illi fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni m'hemm l-ebda definizzjoni ta' x'inhu żmien raġonevoli sabiex kawża tinqata'. Dan billi x'inhu tul raġonevoli li għandha tieħu kawża jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tagħha. Il- ġurispudenza stabbiliet bħala fost il-kriterji rilevanti l-kumplessita` tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża, l-imġieba ta' min ikun qed iressaq l-ilment. L-ebda fattur ma hu waħdu konklussiv, imma l-effett kumulattiv tad-diversi fatturi;*
>
> *"Illi fil-każ preżenti, il-prosekuzzjoni pproduċiet il-provi ewlenin tagħha bil-mezz tar-rogatorji f'diversi pajjiżi barranin – proċedura li tabilfors ħadet ċertu żmien. Fis-16 ta' Lulju 2012 il-prosekuzzjoni iddikjarat li għalqet il-provi tagħha. Minn dakinhar 'il quddiem it-tressiq tal-provi kienu f'idejn ir-rikorrent. Huwa deher l- aħħar quddiem il-Qorti fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2012. Wara din is-seduta ma baqax jidher sakemm fil-31 ta' Mejju 2017 inġieb lura Malta b'mandat t'arrest Ewropew sabiex titkompla l-kawża tiegħu. F'dan il-perjodu kien hemm żmien fejn l-imputat ma deherx minħabba raġunijiet ta' saħħa iżda l-fatt jibqa' illi skont il-proċedura legali ma seta jsir xejn fl-assenza tiegħu u kwindi ma jistax jitfa' l-ħtija għal dan in-nuqqas fuq il-Prosekuzzjoni. Anke l-ilment tad-dewmien ma jirriżultax sorrett mill-provi".*

76. L-attur xehed b'affidavit (ara fol. 77 *et seq*) fejn għamel referenza għall-Inkjesta dwar Informazzjoni Riċevuta mill-Pulizija dwar Suspett ta' Ħasil ta' Flus, li qal li bdiet fil-21 ta' Diċembru 2001. Provi dwar dan ma ġabx. Spjega li instemgħu 54 xhud u semmihom b'isimhom. Pero` Peter u Patricia Clarke ma jissemmewx. Ma jirriżultax li dik l-inkjesta għandha x'taqsam mal-kawża kriminali oġġett tal-kawża tal-lum. Tant hu hekk li l-Prosekuzzjoni ma ressqithiex bħala prova fil-kawża kriminali pendenti. Hu veru li l-attur xehed li, *"Peter Clarke's situation was referred to directly and indirectly throughout this magisterial inquiry"*. Madankollu ma tax

prova ta' dan. Il-fatt li seta' forsi ssemma l-każ ta' Clarke f'xi mument waqt l-inkjesta maġisterjali, prova ċara ta' liema mhemmx fl-atti, ma jfissirx li l-każ ta' Clarke kien oġġett tal-inkjesta. Każ li mill-akkużi stess jirriżulta li m'għandux x'jaqsam ma' ħasil ta' flus. Saħansitra mill-provi jirriżulta li kien biss fil-15 ta' Mejju 2008 li l-pulizija interrogaw lill-attur dwar dan il-każ.

77. Għalkemm l-attur ilmenta li mhemmx raġuni għalfejn il-Prosekuzzjoni damet seba' snin *".... ittella' u tniżżel jekk għandhiex tħarrek lill-esponenti"*, il-Qorti terġa' ttenni li f'dak ir-rigward mhemmx provi li jikkonfermaw dak li qiegħed jallega l-attur.

78. Fiċ-ċirkostanzi kuntrarjament għal dak li qiegħed isostni l-attur, fir-rigward tal-każ ta' Clarke l-*punctum temporis* hi s-sena 2008. Wara li l-Qorti rat l-atti tal-proċeduri kriminali ma tikkonsidrax li kien hemm dewmien eċċessiv sakemm fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2012 il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex iktar provi xi tressaq.[6] Dan iktar u iktar meta tikkonsidra li l-proċess tar-rogatorji beda fl-20 ta' Ottubru 2010. Proċess li fih l-appellati kienu jiddependu mill-koperazzjoni tal-awtoritajiet esteri. Wieħed irid jiftakar ukoll li fl-istadju tal-provi tal-Prosekuzzjoni kienu qegħdin jitressqu provi dwar il-każ ta' Clarke u ta' Somma. Qabel dakinhar kien hemm seduti li fihom ma sar xejn għaliex l-attur ma deherx

[6] Fol. 907 tal-kawża kriminali.

għal raġuni jew oħra. Hekk per eżempju ġara fis-seduti tat-8 ta' Ottubru 2008, 5 ta' Novembru 2008, tal-24 ta' Marzu 2010, tat-22 ta' April 2009, 3 ta' Ġunju 2009, tal-15 ta' Lulju 2009, tal-24 ta' Marzu 2010 u 10 ta' Mejju 2010.

79. Ilment ieħor tal-attur hu li l-proċedura ta' rogatorji ħadet dsatax-il seduta sabiex tingħalaq. Milli atti tal-proċeduri kriminali jirriżulta li fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2010 il-Prosekuzzjoni ppreżentat l-ittri rogatorji li kellhom jintbagħatu Guernsey, Jersey, Isle of Man u Ġinevra. Kien fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2010 li ġie verbalizzat li l-uffiċjal prosekutur ħa lura l-ittri rogatorji, u minn hemm ingħataw lill-Avukat Ġenerali (il-Qorti fehmet bħala l-awtorita` kompetenti) sabiex jintbgħatu fil-pajjiżi barranin fejn kellha ssir il-prova b'dik il-proċedura. Fis-seduta ta' wara, 8 ta' Novembru 2010, ġiet preżentata t-traduzzjoni għall-Franċiż tal-ittri rogatorji li kellhom jintbagħatu Ġinevra. Imbagħad jirriżulta li:-

i. Fis-seduta tal-4 ta' April 2011, kien ippreżentat dak li l-Avukat Ġenerali irċieva mill-Isvizzera;

ii. Fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2011, kien ippreżentat dak li l-Avukat Ġenerali irċieva mill-Isle of Man flimkien ma' traduzzjoni tat-tweġibiet li irċieva mill-Isvizzera;

iii. Fis-seduta tat-13 ta' Lulju u 26 ta' Ottubru 2011 ma sar xejn fuq talba tal-prosekuzzjoni;

iv. Fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 2011 xehdet Patricia Clarke;

v. B'nota preżentata fil-31 ta' Jannar 2012 l-Avukat Ġenerali ippreżenta d-dokumenti li rċieva minn Jersey;

vi. Fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2012 ġie reġistrat biss li l-proċedura tal-ittri rogatorji kienet għadha mhijiex magħluqa;

vii. B'nota preżentata fit-30 ta' April 2012 l-Avukat Ġenerali ippreżenta d-dokumenti li rċieva mir-Renju Unit. B'hekk ingħalqet il-proċedura tal-provi bil-mezz ta' rogatorji u fis-seduta ta' wara (16 ta' Lulju 2012) il-Prosekuzzjoni iddikjarat li m'għandhiex iktar provi xi tressaq.

80. Hu fatt li sabiex ġiet konkluża l-proċedura tal-ittri rogatorji, għaddew ftit inqas minn sentejn. Pero` minn dak li jirriżulta mill-atti ma jidhirx li dan kien tort tal-appellati. Għallinqas mhemmx provi f'dak is-sens. Wieħed irid jiftakar li l-proċedura kellha ssir f'numru ta' pajjiżi esteri, u wieħed jistenna li dan iwassal għal ċertu dewmien. Fiċ-ċirkostanzi l-ilment tal-attur hu bla bażi.

81. Ilment ieħor tal-attur hu dwar dewmien eċċessiv li qal li kien hemm matul l-aħħar sentejn. Isostni li l-prosekuzzjoni, *".... ma kinitx dejjem preparata sabiex tmexxi l-kawża quddiem"*. Il-Qorti tinnota mill-atti tal-proċeduri kriminali jirriżulta li:-

i. Fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2017 id-difensur tal-attur talab differiment għar-raġuni li tissemma fil-verbal;

ii. Fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2017 kull ma sar kienet li xehdet mart l-attur b'referenza għat-talba għall-ħelsien mill-arrest;

iii. Fis-seduta tas-6 ta' Diċembru 2017 il-kawża kienet differita sabiex il-Prosekuzzjoni twieġeb dwar in-nota tal-attur magħmula fl-24 ta' Awwissu 2017. Ma jirriżultax li l-attur kien innotifika n-nota lill-Prosekuzzjoni;

iv. Fis-seduta tat-18 ta' Diċembru 2017 ġie kkonsidrat rikors ieħor tal-attur dwar il-ħelsien mill-arrest. Dakinhar il-Prosekuzzjoni ingħatat l-aħħar opportunita` sabiex tagħti tweġiba dwar in-nota tal-24 ta' Awwissu 2017. Ma jirriżultax li d-difiża oġġezzjonat.

v. Fis-seduta tal-1 ta' Jannar 2018 l-uffiċjal prosekutur talab ftit iktar żmien sabiex jeżamina n-nota tad-difiża. Ma jirriżultax li d-difiża oġġezzjonat għat-talba.

vi. Fis-seduta tat-28 ta' Frar 2018 l-uffiċjal prosekutur iddikjara, b'referenza għan-nota tal-24 ta' Awwissu 2017, li *"..... l-akkużi numru 3 u 4 jappartjenu ma' Mario Somma, allura l-Qorti ma għandhiex tieħu konjizzjoni tagħhom f'dan l-istadju"*. Saret ukoll dikjarazzjoni li hemm qbil li d-dokumenti li jissemmew fin-nota tal-24 ta' Awwissu 2017 kellhom jitneħħew mill-atti.

vii. Fis-seduta tat-18 ta' April 2018 il-Prosekuzzjoni ddikjarat li mill-atti kienu tneħħew atti jirreferu għall-każ ta' Clarke. **F'dik is-seduta l-partijiet**

**qablu li jingħata differiment fil-bogħod minħabba li kellhom jiġu identifikati d-dokumenti li kellhom jerġgħu jiddaħħlu fl-atti tal-kawża kriminali**. Dakinhar il-kawża tħalliet għas-seduta tas-26 ta' Settembru 2018. F'dan ir-rigward fit-22 ta' Ġunju 2018 l-atturi ippreżentaw nota fejn indikaw l-atti li kellhom jerġgħu jiddaħħlu fil-proċess.

viii. Fil-25 ta' Settembru 2018 l-attur biddel l-istrateġija meta ippreżenta nota fejn iddikjara li *"... qiegħed formalment jirtira u jirrinunzja għall-effetti tan-nota datata 22 ta' Ġunju 2018, in vista tar-rikors li qiegħed jigi kontestwalment intavolat....".* Rikors li bih talab lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex tordna referenza kostituzzjonali minħabba allegat ksur għall-jedd ta' smigħ xieraq.

ix. Fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2018 ma sar xejn. Mhux magħrufa r-raġuni għalkemm fil-verbal ma jissemmiex li l-attur kien preżenti għas-seduta. Il-Qorti tifhem li sar hekk minħabba li l-lejliet is-seduta l-attur ippreżenta r-rikors.

x. Fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2018 naqas milli jidher l-uffiċjal prosekuttur. Nuqqas li ma ġiex ġustifikat b'raġuni valida. Sempliċement jingħad li l-Assistent Kummissarju *"talab differiment għas-seduta tal-lum"*. L-affarijiet ma jsirux hekk speċjalment minn Assistent Kummissarju li għandu jkun jaf ferm aħjar.

xi. Fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2018 saret trattazzjoni dwar ir-rikors tal-attur tal-25 ta' Settembru 2018. Dakinhar il-kawża tħalliet għal digriet

għas-seduta tal-20 ta' Novembru 2018 li pero ma ngħatax u l-kawża tħalliet għas-seduta tad-19 ta' Diċembru 2018.

xii. Fis-seduta tad-19 ta' Diċembru 2018 inqala' intopp ieħor wara li l-Qorti skopriet li ma kienx ingħata digriet ta' sfilz ta' dokumenti. Fiċ-ċirkostanzi d-difensur tal-attur talab li l-Qorti tagħti digriet qabel jingħata d-digriet dwar ir-rikors tal-25 ta' Settembru 2018.

xiii. Fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2019 għal darb'ohra saret talba mill-uffiċjal prosekutur għal differiment. Ma jirriżultax li d-difiża oġġezzjonat. Dakinhar ingħata digriet dwar id-dokumenti li kellhom jiġu sfilzati.

xiv. Fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2019 id-difiża insistiet li l-Qorti tagħti digriet dwar it-talba li saret bir-rikors tal-25 ta' Settembru 2018 għal referenza kostituzzjonali.

xv. Fis-seduta tat-2 ta' April 2019 ingħata d-digriet dwar l-imsemmi rikors.

xvi. Imbagħad il-pass li jmiss tal-attur kien li fit-22 ta' Mejju 2019 jippreżenta l-kawża li dwarha titratta s-sentenza tal-lum.

82. Hu minnu li matul l-imsemmi perjodu kien hemm sitwazzjonijiet fejn l-uffiċjal prosekutur m'attendiex għas-seduta. Pero` ma jidhirx li l-preżenza tiegħu kienet ser tagħmel xi differenza sinifikanti għall-progress tal-kawża. L-attur ma jsemmix il-kwistjonijiet li qala' minn Ottubru 2017 mingħajr ma ressaq prova waħda jew għamel kontro-eżami. Kwistjonijiet li ovvjament kienu jfissru li jridu jingħataw provvedimenti u jiġu eżaminati

ammont konsiderevoli ta' atti. Kwistjonijiet li nqalgħu proprju minħabba li waqt il-kawża kriminali telaq minn Malta mingħajr ma talab il-permess tal-Qorti u li wasslu għall-proċeduri ta' estradizzjoni bid-diffikultajiet kollha li ġabu magħhom. Saħansitra kien hemm ukoll okkażżjoni meta l-prosekuzzjoni u l-attur talbu lill-Qorti sabiex tagħti differiment fil-bogħod. Fil-fatt il-Qorti tat differiment ta' ħames xhur, u wara l-attur bidel l-istrateġija u **<u>lejliet is-seduta</u>** għamel rikors fejn talab li ssir referenza kostituzzjonali. Atteġġament li jkompli juri li l-attur qiegħed jikkontribwixxi bis-sħiħ sabiex il-proċeduri kriminali jkomplu jitwalu, għad-detriment ukoll tal-konjuġi Clarke li tnax-il sena wara li bdew il-proċeduri kriminali għad m'għandhom l-ebda idea meta l-proċeduri kriminali ser jintemmu.

83. Wara li l-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha m'għandha l-ebda dubju li mhuwiex ġustifikat l-ilment tal-attur dwar id-dewmien.

Għal dawn ir-raġunijiet tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza tal-5 ta' Marzu 2020. Spejjeż kollha a karigu tal-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Registratur
mb